MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 35/2015

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**Radoslav Stantchev Fournadjiev (K.I. numru 21055 (A))**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **Bank of Valletta p.l.c.** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi") ippreżentat fil-15 ta' Jannar, 2015, u kkonfermat bil-ġurament ta' Joseph Caruana (K.I. 709057M) għan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjetà attriċi, li bih u għar-raġunijiet imfissra s-soċjetà attriċi ppremettiet u talbet li din il-Qorti:

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Vanessa Bonnici datat 30 ta' Novembru, 2007 (Dok. "A") is-soċjetà attriċi kkonċediet faċilitajiet bankarji lil Radoslav Stantchev Fournadjiev.*

2. *Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi ta' Radoslav Stantchev Fournadjiev fis-somma ta' mitt elf euro u wieħed, seba' mija u sebgħa u disgħin euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€101,797.84) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" ta' Radoslav Stantchev Fournadjiev mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B4"), flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-28 ta' Ottubru, 2014 sad-data tal-effettiv pagament;*

3. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Radoslav Stantchev Fournadjiev:*

   *(a) Naqas milli jħallas l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Radoslav Stantchev Fournadjiev li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

4. *Illi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenut Radoslav Stantchev Fournadjiev ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 8 ta' Awwissu, 2013 (Dok. "C"), sabiex jitħallas*

*id-dejn fuq imsemmi, iżda dan baqa' inadempjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid l-konvenut għaliex m'għandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi li qiegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt imsemmi (u hawn esebit bħala Dok "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi Radoslav Stantchev Fournadjiev (a) naqas milli jħallas l-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess Radoslav Stantchev Fournadjiev li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi; u*

2. *Tikkundanna lil Radoslav Stantchev Fournadjiev jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitt elf euro u wieħed, seba' mija u sebgħa u disgħin euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€101,797.84) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Radoslav Stantchev Fournadjiev mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B4") flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-28 ta' Ottubru, 2014 sad-data tal-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 8 ta' Awwissu, 2013 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jiġi preżentat kontestwalment kontra l-konvenut li huma inġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni.*

Rat illi l-konvenut **Radoslav Stantchev Fournadjiev (K.I. numru 21055 (A))** (minn issa 'il quddiem "il-konvenut") għalkemm debitament notifikat naqas li jippreżenta risposta maħlufa u għalhekk kien kontumaċi.

Eżaminat l-atti tar-Rikors Maħluf.

Semgħet ix-xhieda ta' Rose Cortis, *litigation officer* tas-soċjetà attriċi li kkonfermat bil-ġurament li l-konvenut għad għandu jagħti lis-soċjetà attriċi l-istess ammont mitlub fir-Rikors Maħluf peress li minn meta ġiet ippreżentata l-kawża l-konvenut ma kien għamel l-ebda depożitu.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ġunju, 2015 fejn l-Avukat Dominic Cassar għas-soċjetà attriċi ddikjara li m'għandux aktar provi xi jressaq, u li jirrimetti ruħu għall-atti tal-kawża u talab li l-kawża titħalla għas-sentenza.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ġunju, 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Billi mill-provi mhux kontradetti u fil-kontumaċja tal-konvenut, it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw mistħoqqa.

**<u>Decide</u>**

**Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:**

**Tilqa' l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi kif dedotta fir-Rikors Maħluf u ssib li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt imsemmi (Dok. "A", a fol. 4 sa 26 tal-proċess), billi l-konvenut Radoslav Stantchev Fournadjiev naqas li jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi kif stipulat fl-imsemmi kuntratt; billi l-istess konvenut naqas li jwettaq l-obbligi l-oħrajn li ntrabat bihom fl-imsemmi kuntratt; u billi seħħew bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu lill-istess soċjetà attriċi;**

**Tilqa' t-tieni talba tas-soċjetà attriċi billi tikkundanna lill-konvenut Radoslav Stantchev Fournadjiev iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mitt elf euro u wieħed, seba' mija u sebgħa u disgħin euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€101,797.84*)* bilanċ għad-debitu fil-"Loan Account" ta' Radoslav Stantchev Fournadjiev mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imgħax ulterjuri mit-28 ta' Ottubru, 2014 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Tikkundanna lill-konvenut biex iħallas l-ispejjeż tal-kawża.**

Moqrija

## < Sentenza Finali >

-----------------------------------TMIEM-----------------------------------